**ix-xnigħat ta' xmux u dwalijiet għammiexa**

*jew din l-art umda l'għad titqarqaċ qoxqox*

la titqarqaċ qoxqox din l-art umda u ssir xibka ta' ħjut tispiċċa u titmermer tispiċċa titmermer tispiċċa tintisġilna garża għatxana safranija lewn mard kobalt 58.933 tostor il-materja tal-feriti jiġbdu ramel darba dehbi xejn ma jibqa' jleqq fix-xemx settembrina #FFFF00 raġġi bjondi jsammru ġisimna msejken salib meħluba mis-sħana tiżvinana

riġlejna ħbula ta' raba' qmuħ u aħna n-naffara l-mifluġa l-iżvinturati arana hemm u jiena niġi nfittxek qasba f'id xkora f'oħra u fiha l-loqom ta' storja li darba kienet frak ta' memorja biċċiet ta' ġebel li darba sejjaħna darna il-fluwidi fil-fliexken marradija wkoll u naqsam widien qarsa

b'ħarsa skantata ta' min ilma ma jixrobx u nsaffarlek nixfassoluta minn għanja tqila osmju sakemm insibek togħdos f'trabijiet nixfin fl-ispazji li jifdal bejn ħajt u ħajt

leħni sejjieħ iħanxar sa ma jsibek tqalleb ħamrijat musfara ħarifa 16-1054 saffi ta' karti xi darba siġar jobogħdu s-sħana daqsek imbagħad narak tilmaħ biċċiet ta' kewkbiet jiċċartu fis-smewwiet is-sema jsirlek is-saqaf tiegħek

u tintefa' tisma' x-xnigħat ta' xmux u dwalijiet għammiexa likwidi jaħarqu ġilda mxawta diġà polimeru espost għall-aġenti ossidanti

maż-żmien imma nkun sibtek meta felli qamar mislut felli qamar minġel ikun li jrid hu jitbissem xedaq tartru f'deżerti ta' smewwiet fwieħa ta' fjammi mħeġġa ilsna mkebbsin kif nivvampjaw aħna li xi darba konna trabi nsiru trabijiet nitgeżwrulna f'xoqqa nkunu l-mummji mqarqċin t'għada ntiru minn haw' niżvintaw